**5 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Nicola Callus et.

*versus*

Nicolina Farrugia

**Appell — Nota tal-Appell — Penali — Prova — Nullità — Art. 224(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nota hi essenzjali għall-interpożizzjoni ta' appell ta' prima istanza, salvi xi eċċezzjonijiet; anzi l-appell isir biha; b'mod illi, għalkemm il-petizzjoni ssir fl-isem ta' żewġ persuni, li waħda minnhom ma tkunx ġiet imsemmija bħala appellanti fin-nota, l-appell għar-rigward ta' dik il-persuna huwa irritu u ma jeżistix; għax fil-fatt dik il-persuna ma tkunx appellat, u l-Qorti mhix investita bis-setgħa li tieħu konjizzjoni tal-appell da parti ta' dik il-persuna. U dan mhux żball li jista' jiġi korrett.*

*Il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza ta' obligazzjoni hija insita fl-inadempjenza stess, ammenokkè l-parti inadempjenti ma tippruvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà. U għalhekk, min jobliga ruħu taħt penali li josserva l-obligi minnu assunti, hu obligat iħallas dik il-penali jekk ma jippruvax hu illi kien hemm xi raġuni li teżentah minn dik il-penali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi b'kuntratt tad-9 ta' Awissu 1955 fl-atti Nicola Said il-konvenuta obligat ruħha li, jekk tiġi li tikri d-dar, jew parti minnha, li tinsab is-Siġġiewi, 85 u 86 Main Street, hija tkun tenuta u obligata, taħt penali ta' £200, li tikriha lill-atturi bil-kera u taħt il-pattijiet li jiġu fissati mill-Board li Jirregola l-Kera (dok. A); u billi

l-konvenuta effettivament kriet parti minn din id-dar mingħajr ma qalet lill-atturi; talbu li l-konvenuta tiġi kundannata minn dil-Qorti tħallas is-somma ta' £200 bħala penali minnha nkorsa meta kisret l-obligu minnha assunt fil-kuntratt fuq imsemmi, li ma setgħetx tikri mid-dar fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Novembru 1957, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Jannar 1959, li biha ċaħdet it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi bis-saħħa tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u eżibit fil-fol. 4 tal-proċess, ġie, "inter alia", miftihem bejn il-partijiet illi, f'każ li l-konvenuta tiġi biex tikri l-imsemmija dar jew parti minnha, hija tkun tenuta, taħt penali ta' £200, li tikriha lill-atturi bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jiġu fissati mill-Board li Jirregola l-Kera. Dan loġikament għandu jiftihem, mhux illi l-konvenuta ma kienetx tista' tikri d-dar, imma illi, jekk l-atturi jkunu jridu jikruha, il-konvenuta jkollha tikriha lilhom u mhux lil ħadd ieħor. Għalhekk l-atturi, biex jeżiġu l-penali fuq stipulata, jeħtieġilhom jippruvaw illi huma "riedu" jikru d-dar, u illi b'dan kollu l-konvenuta krietha lil ħadd ieħor;

Illi f'dan ir-rigward l-atturi xehdu li l-konvenuta qatt ma qaltilhom li kienet sejra tikri, u li huma saru jafu li kriet parti minnha lill-Avukat Dr. Joseph Galea żmien wara l-kuntratt tax-xiri; mill-banda l-oħra, il-konvenuta xehdet illi qabel ma kriet, marret diversi drabi għand l-atturi (li joqgħodu f'dar waħda), sabet lil Giuseppa (recte Giovanna) Callus, mart l-attur Giuseppe, u qaltilha li sejra tikri l-entrata tal-fond, iżda hija rrifjutatha......;

Illi l-Qorti, wara li vvaljat iċ-ċirkustanzi tal-każ, tipppropendi iżjed lejn il-versjoni tal-konvenuta. L-atturi kienu jafu bil-kiri......;

Illi, fi kwalunkwe każ, l-atturi ma ssoddisfawx il-Qorti li huma kellhom "intenzjoni" li jikru l-entrata "de qua" —

ħaġa li ma tirriżultax, la miċ-ċitazzjoni u lanqas mill-provi; u għalhekk, jekk anki, "ex hypothesi", il-konvenuta ma avżathomx minn qabel li kienet sejra tikri, il-fatt biss li hija kriet ma jirrendijhiex inadempjenti;

Illi l-konvenuta kellha ndubbjament, bis-saħħa tal-użufrutt li żammet fuq in-nofs indiviż tad-dar mibjugħa lill-atturi, id-dritt li tikriha; u għalhekk, mingħajr patt espress u ċar li jneħħilha dak id-dritt, ma għandux jiftiehem li hija tilfet dak id-dritt; ir-rinunzji ma għandhom qatt jiġu preżunti; ebda simili rinunzja ma tista' tinġibed mill-patt fuq stipulat;

Illi, fl-aħħarnett, ta' min jinnota illi l-penali hija dovuta għall-inadempjenza tal-obligazzjoni prinċipali, dejjem minħabba ħtija tad-debitur; u sakemm il-prova ta' din il-ħtija ma ssirx, jew anki f'każ ta' dubju dwar din il-ħtija, id-debitur ma jistax jiġi kundannat (Giorgi, Obbligazioni, IV, para. 456; u Baudry, Obbligazzjoni II, para. 1372); u fil-każ tagħna l-inadempjenza tal-konvenuta ma ġietx adegwatament pruvata;

Rat in-nota tal-attur Nicola Callus, li biha appella minn dik is-sentenza, u rat il-petizzjoni tal-istess Nicola Callus u l-attur l-ieħor Giuseppe Callus, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, u konsegwentement tiġi milqugħa t-talba tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Qabel xejn, il-Qorti tirrileva illi, għalkemm il-petizzjoni tal-appell saret għan-nom taż-żewġ atturi Nicola u Giuseppe aħwa Callus, li ġew indikati tant fl-"okkju" kemm fl-intestatura tal-att, in-nota tal-appell (fol. 43) saret biss f'isem Nicola Callus, li ġie waħdu ndikat fl-"okkju" kif ukoll fl-intestatura tal-att u fil-korp tiegħu, kollu konċepit fis-singular;

*Issa, in-nota hi element essenzjali tal-interpożizzjoni*

ta' appell ta' prima istanza, salvi eċċezzjonijiet li ma jinteressawx il-każ; anzi, kif jiddisponi espressament is-subart (2) tal-art. 224 tal-Kodiċi tal-Proċedura, l-appell isir "biha" Min dan jiġi li l-attur Giuseppe Callus ritwalment ma appellax mis-sentenza in kwistjoni, għad illi, kif intqal, ismu jidher fil-petizzjoni. *Din l-ommissjoni* mhix "żball" li skond l-art. 175(2) jista' jiġi korrett, però bil-permess tal-Qorti Kieku kellha tiġi supplita ommissjoni simili, kien ifisser li jiżdied appellant li fil-fatt ma appellax, ġa ladarba naqas li jagħti l-avviż per mezz tan-nota kif preskritt mill-liġi. Dan id-difett hu kjarament rilevabbli anki mill-Qorti "ex officio"; għaliex jimporta li, kwantu għal dak l-attur, il Qorti mhix skond il-liġi nvestita bis-setgħa li tieħu konjizzjoni ta' appell da parti tiegħu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti *tiddikjara* l-appell, sa fejn jirrigwarda l-attur Giuseppe Callus, irritu u null; bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni kontra l-istess attur;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Waqt is-smiegħ ta' l-appell din il-Qorti reġgħet semgħet bħala xhieda lill-atturi Nicola Callus u Giuseppe Callus......;

Il-Qorti deħrilha wkoll xieraq li *tisma'* bħala xhud lil Giovanna mart l-attur Giuseppe Callus......;

*Fil-fehma* ta' *din* il-Qorti, il-prova li l-konvenuta avżat lill-atturi bil-ħsieb tagħha li tikri l-entrata, u li offriet dan il-kiri lilhom, kienet tmiss lill-konvenuta, u l-Qorti jidhrilha li din il-prova l-konvenuta ma għamlithiex......;

Il-fatt li l-atturi saru jafu bil-kiri wara li dan kien sar huwa irrilevanti; kif ukoll huwa irrilevanti l-fatt fih innifsu li l-atturi damu ma pproċedew kontra l-konvenuta, sakemm id-dritt tagħhom ma ġiex mitluf skond il-liġi, jew rinunzjat — ħaġa din li ma ġietx lanqas biss allegata mill-konvenuta;

Dan kollu jfisser, fil-fehma ta' dil-Qorti, illi, an l-patt in kwistjoni jiġi nterpretat kif interpretatu

Qorti, il-konvenuta naqset mill-osservanza tiegħu. Il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza kontrattwali hija insita fl-inadempjenza stess, ammenokkè l-parti inadempjenti ma tipprużvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà;

Ikkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal fol. 46, Dr. Galea ddikjara quddiem il-Qorti illi l-lokazzjoni li l-konvenuta għamlet lilu ġiet riżoluta, u li, għad li dakinhar kien għad għandu xi affarijiet fil-post, hu stess f'ismu proprju jirrikonoxxi li qiegħed jiddetieni l-ambjent tad-dar in kwistjoni mingħajr titolu. Minn naħa tagħhom, l-atturi, probabbilment in vista ta' din ir-"restitutio in integrum" fil-kors tal-kawża, urew ukoll quddiem il-Qorti illi huma ma riedux verament jinsistu fuq l-eżazzjoni tal-ammont kollu tal-penali stipulat fil-kuntratt. Huma kienu nteressati kważi biss fl-affermazzjoni tad-dritt;

In vista' ta' dawn iċ-ċirkustanzi "speċjali", il-Qorti jidhrilha li l-ammont tal-penali jista' jiġi ridott kif ser jingħad, u bla ma l-Qorti toqgħod tidħol fi kwistjonijiet oħra;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-attur Nicola Callus, u fil-konfront tiegħu tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba, u tikkundanna lil-konvenuta tħallas għaxar liri (£10) bħala penali nkorsa minnha meta kisret l-obligu minnha assunt fil-kuntratt fuq imsemmi bil-kiri ta' parti mid-dar in kwistjoni fiċ-ċirkustanzi fuq imsemmija. L-ispejjeż, tant tal-prim'istanza fil-konfront tal-attur Nicola Callus, kemm ta' dan l-appell, ħlief dawk ġa provvduti, tħallashom il-konvenuta.